MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2006

Numru 7/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**VS**

**GEORGE AZZOPARDI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra George Azzopardi, bin Emmanuel u Josephine nee' Cassar, imwieled tal-Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru, 1967, u residenti fil-fond numru 61, Blossoms, Triq ta' Vnezja, Mosta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0017668 (M);

Akkuzat talli nhar il-21 ta' Gunju, 2003, u matul is-snin precedenti, bhala detentur tal-fond numru 61, Blossoms,

Triq ta’ Vnezja, Mosta, b’diversi azzjonijiet maghmulin minnu, fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz tal-elettriku u cioe’ tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond, u b’mezzi qarrieqa sabiex ikollu uzu jew il-konsum elettriku, jew li bihom seta’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar fl-istess meter tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq tal-kurrent elettriku ta’ valur ta’ iktar minn Lm100.00 (mitt lira maltin), izda inqas minn Lm1,000.00 (elf lira maltin), liema serq huwa aggravat bil-mezz, valur u hin, ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta.

Wara li rat l-Artikoli 325, u 326 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat, fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat il-verbal tal-lum, fejn gie dikjarat mir-Rapprezentant tal-Enemalta, li l-imptuat kien diga’ hallas ghas-saldu l-ammont mitlub mill-istess Korporazzjoni.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni, din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat George Azzopardi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u tilliberah bla kundizzjoni, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------